# Il-Marċ tal-Anġlu f'Ħal Tarxien

**Mark Sciberras**
*B.A. (Hons), P.G.C.E.*



*L-Anġlu armat fid-daħla ta' Triq Xintill, 1956.*

Tista' tgħid li f'kull raħal f'Malta u f'Għawdex teżisti d-drawwa li fl-aħħar jum tan-Novena jew tat-Tridu, tittella' xi statwa fuq kolonna waqt il-marċ brijuż ta' dak il-jum. Dan biex ngħidu hekk ikun il-qofol tal-marċ u kull raħal ikollu d-drawwiet tiegħu bl-istatwi li jvarjaw skont il-festa li tkun qed tiġi ċċelebrata.

Ħal Tarxien mhux eċċezzjoni, għaliex il-Marċ tal-Ġimgħa jew tal-aħħar jum tan-Novena huwa popolarment magħruf bħala l-Marċ tal-Anġlu. Sa mill-bidu nett, dan il-marċ kien isir mill-Banda tal-Għaqda Mużikali Marija Annunzjata. Huwa magħruf bħala l-marċ tal-Anġlu propju għaliex fi tmiem il-marċ, tittella' statwa tal-anġlu li kulħadd jgħidlu tal-Qerda tal-Ereżija. Din l-istatwa kienet inħadmet minn Karlu Darmanin fl-1870.

Il-Marċ tal-Ġimgħa beda minn stedina li kien għamel it-tabib Daniel Cecy, President Onorarju għal ħafna snin tal-każin tal-banda tagħna. Ta' kull sena huwa kien jitlob lill-banda biex tmur iddoqq wara d-dar tiegħu li kienet fi Triq il-Kbira. Aktar ma beda jgħaddi ż-żmien, dan il-marċ beda jikber, sakemm il-banda bdiet iddur ma' xi triqat tar-raħal qabel ma tgħaddi għand it-tabib Cecy.

Kif u meta bdiet din it-tradizzjoni li mal-marċ tinġarr statwa tal-anġlu ħadd ma jaf eżatt però teżisti l-idea li din bdiet qabel is-snin għoxrin tas-seklu l-ieħor.

Għall-bidu din l-istatwa kienet tintrama fid-daħla ta' Triq Xintill. Meta maż-żmien beda jiżdied it-traffiku, l-istatwa tal-anġlu bdiet tintrama fil-Misraħ ta' quddiem il-knisja. Matul is-snin, il-popolarità ta' dan il-marċ kompliet tiżdied u għalih kienu jattendu ħafna nies, bil-qofol ikun it-tlugħ tal-istatwa tal-anġlu fuq il-kolonna f'nofs il-pjazza fost il-ferħ u l-briju tat-Tarxiniżi.

Minħabba li t-tlugħ ta' din l-istatwa kien isir bl-idejn, maż-żmien bdiet issirilha ħafna ħsara. Fl-2004 inħadem lift (mill-ħabib tagħna Ġorġ Agius) li bih l-anġlu seta' jitla' fuq il-kolonna mingħajr ma jintmiss bl-idejn, għalhekk b'anqas ħsara u b'mod aktar dinjituż.

Sal-ġurnata tal-lum, il-Marċ tal-Anġlu għadu popolari ferm u huwa marċ mistenni mhux biss mit-Tarxiniżi iżda wkoll minn bosta dilettanti tal-festi Maltin li jiġu ta' kull sena għal dan il-marċ f'din il-festa li tiftaħ l-istaġun tal-festi l-oħra.

B'kuntrarju għal dak li jaħsbu ħafna nies, dan l-anġlu m'huwiex l-Anġlu Gabrijel, li mar iħabbar lil Marija li kienet ser issir Omm Alla, iżda huwa anġlu li jirrappreżenta l-Qerda tal-Ereżija, ta' Nestorju.

Meta beda jinxtered it-tagħlim dwar Ġesù, sas-sena 400 wara Kristu, bdew jitfaċċaw problemi relatati fuq il-persuna u n-natura ta' Kristu. Il-protagonisti fost dawn l-għorrief tal-Knisja kienu Ċirillu, Patrijarka ta' Lixandra u Nestorju, Partijarka ta' Kostantinopli. L-Isqof Ċirillu, u sħabu, kienu jisħqu li l-Madonna għandha tissejjaħ, "Theotokos" jiġifieri 'Omm Alla'. Min-naħa l-oħra, Nestorju u sħabu kienu jqisu lill-Madonna bħala "Christotokos" jiġifieri 'Omm Kristu' biss. Fis-sena 430 wara Kristu, il-Papa ta' dak iż-żmien, il-Papa Ċelestinu laqqa' Sinodu fil-belt ta' Efesu biex jiddiskuti dan it-tagħlim. Fil-Konċilju ta' Efesu fis-sena 431





*Ix-xabla bin-nar u r-rifsa tal-anġlu fuq is-serp u l-kotba sinifikat ta' tagħlim ta' Nestorju, huma simboli tal-qerda tal-Ereżija.*

wara Kristu ġie approvat it-tagħlim ta' Ċirillu u sħabu li l-Madonna hija Omm Alla (Theotokos) u kkundanna t-tagħlim ta' Nestorju bħala ereżija. L-Anġlu tal-Marċ tal-Ġimgħa li aħna ntellgħu fuq il-kolonna fost ħafna briju jirrappreżenta dan kollu. Ix-xabla tan-nar li għandu l-anġlu f'idu tirrappreżenta n-nar li ħaraq il-kotba tal-ereżija li kien jipproklama Nestorju. Dawn huma l-kotba li hemm taħt riġlejn l-Anġlu fl-istatwa tagħna.


**Referenzi:**

Tagħrif mogħti minn Karmenu Mercieca, anzjan Tarxiniż.

Artiklu ta' Joe A.Farrugia li deher fil-fuljett tal-Kunsill Lokali ta' Ħal Tarxien, Jannar – April 2012.



**Allure** HAIR BY CHANELLE MORAN

*Fully Qualified Hairdresser*

* 100% Human Hair Extensions * Brazilian Hair Treatments *

* Upstyles * Hair Cuts * Blowdries * Creative Colouring * Highlights *and more*

Opening Hours: Tuesday to Saturday from 8.30am to 6.30pm

*(open on Sundays for special occasions)*

173, St Monica Street, Tarxien • Tel: 21660076 • Mob: 79660076

**15% Discount on presentation of this advert**

*Forex Stationery*

*16/17, Misraħ is-Suq, Tarxien*

Tel: 2166 5357
Mob: 9907 5570

**LOCAL POST OFFICE**

Local & Foreign Newspapers • Stationery • Toys • Gifts • Cards • Colour Photocopying • Spiral Binding • Laminating



**J.C. IRONMONGERY**

**32, Palm Street, Tarxien**
**Tel: 2766 1452**

*Water and Electrical Fittings, Building Materials and Household Goods*

**For all your requirements**